Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 9 ta' April 2025**
**(OR. en)**

**7817/25**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2025/0091(BUD)**

**FIN 385**

## NOTA TA' TRAŻMISSJONI

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 9 ta' April 2025 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2025) 350 final |
| Suġġett: | ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 1<br>TAL-BAĠIT ĠENERALI 2025<br>ID-DĦUL TAS-SURPLUS TAS-SENA FINANZJARJA 2024 |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 350 final.

Mehmuż: COM(2025) 350 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.4.2025
COM(2025) 350 final

2025/0091 (BUD)

# ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 1
# TAL-BAĠIT ĠENERALI 2025

## ID-DĦUL TAS-SURPLUS TAS-SENA FINANZJARJA 2024

Wara li kkunsidrat:

– it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

– id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea[1], daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021,

– Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

– il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2025, kif adottat fis-27 ta' Novembru 2024[3],

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1 tal-baġit tal-2025.

## BIDLIET GĦAD-DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U TAN-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA

TIl-bidliet fid-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul u tan-nefqa u għat-taqsima individwali III huma disponibbli fil-EUR-Lex (https://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm).

1 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom, ĠU L 424, 15.12.2020.

2 ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.

3 ĠU L, 2025/31, 27.2.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/budget/2025/31/oj.

## MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

L-Abbozz ta’ Baġit Emendatorju (ABE) Nru 1/2025 huwa maħsub biex idaħħal fil-baġit 2025 is-surplus li jirriżulta mill-implimentazzjoni tas-sena baġitarja 2024. Kif previst fl-Artikolu 18(3) tar-Regolament Finanzjarja applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[4] (“Regolament Finanzjarju”), il-bilanċ mill-2024 huwa l-uniku suġġett ta’ dan l-ABE u għandu jiġi ppreżentat fi żmien 15-il jum mill-preżentazzjoni tal-kontijiet proviżorji fl-aħħar ta’ Marzu 2025.

1. L-implimentazzjoni tas-sena baġitarja 2024 turi surplus ta’ EUR 1.3 biljun, li għalhekk jiddaħħal bħala dħul fil-baġit 2025.

*(f’EUR)*

| Tqassim tal-eżitu tal-2024 | |
|---|---|
| **Surplus tad-Dħul** | **1 071 992 058** |
| **Surplus tan-Nefqa** | **272 541 081** |
| **Surplus totali** | **1 344 533 139** |

2. L-ibbaġitjar tas-surplus se jnaqqas il-kontribuzzjoni totali tal-Istati Membri għall-iffinanzjar tal-baġit tal-2025 kif dovut. Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri se jkunu influwenzati wkoll mit-tbassir rivedut tar-riżorsi proprji li se jkun disponibbli wara l-laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji aktar tard fl-2025 u se jiġu inklużi f’Abbozz ta’ Baġit Emendatorju sussegwenti skont l-Artikolu 44(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju.

3. It-tabella ta’ hawn taħt tippreżenta tqassim tal-eżitu tal-2024 f’termini tal-implimentazzjoni tad-dħul:

*(f’EUR)*

| Tqassim tal-eżitu tal-2024 | Baġit (inkl. AB1-5) | Eżitu | Varjazzjoni |
|---|---|---|---|
| **Subtotal tad-Dħul** | **149 744 313 559** | **150 816 305 617** | **1 071 992 058** |
| — Titolu 1 - Riżorsi proprji | 141 170 058 938 | 141 046 924 153 | -123 134 785 |
| *Imposti u dazji oħra fis-settur taz-zokkor* | *0* | *0* | *0* |
| *Dazji doganali* | *20 119 010 896* | *20 066 448 320* | *-52 562 576* |
| *Riżorsi proprji provenjenti mill-VAT* | *23 462 700 300* | *23 438 378 443* | *-24 321 857* |
| *Riżorsi proprji bbażati fuq l-ING* | *90 448 647 342* | *90 333 902 377* | *-114 744 965* |
| *Korrezzjoni tal-iżbilanċi tal-baġit mogħtija lir-Renju Unit* | *0* | | *0* |
| *Tnaqqis gross fil-kontribuzzjoni annwali bbażata fuq l-ING konċess lil xi SM* | *0* | *22 974 957* | *22 974 957* |
| *Riżorsi proprji bbażati fuq l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik mhux riċiklat* | *7 139 700 400* | *7 185 220 055* | *45 519 655* |
| — Titolu 2 - Surpluses, bilanċi u aġġustamenti | 632 625 574 | 668 812 073 | 36 186 499 |
| — Titolu 3 - Dħul amministrattiv | 2 124 029 799 | 2 207 810 074 | 83 780 275 |
| — Titolu 4 - Dħul finanzjarju, imgħax ta’ inadempjenza, u multi | 3 477 560 897 | 4 688 270 282 | 1 210 709 385 |
| — Titolu 5 - Garanziji baġitarji, operazzjonijiet ta’ għoti u teħid b’self | 0 | 0 | 0 |
| — Titolu 6 - Dħul, kontribuzzjonijiet u ribassi relatati ma’ politiki tal-Unjoni | 2 340 038 351 | 2 204 489 035 | -135 549 316 |

4. Il-varjazzjonijiet netti kkombinati fit-Titolu 1 (Riżorsi Proprji) u fit-Titolu 2 (Surpluses, bilanċi u aġġustamenti) totali minus EUR 86.9 miljun. Din id-differenza negattiva żgħira hija xprunata b’mod predominanti minn differenzi fir-rati tal-kambju meta jiġu msarrfa r-riżorsi proprji. L-eżitu tad-dazji doganali kien qrib ħafna (99.7 %) tal-previżjoni aġġornata inkluża fil-baġit emendatorju 4/2024[5].

[4] ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
[5] ĠU L, 2024/2908, 10.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/budget_suppl_amend/2024/2908/oj.

5. Il-varjazzjonijiet fit-Titolu 4 (*Dħul finanzjarju, imgħax ta' inadempjenza, u multi*) jammontaw għal EUR 1 210.7 miljun, li jinkludi dħul mill-multi tal-kompetizzjoni u mgħax ta' inadempjenza, pagamenti ta' penali oħra u mgħax marbut ma' multi u pagamenti ta' penali. It-tabella ta' hawn taħt tippreżenta tqassim skont il-kapitolu/artikolu rilevanti:

*(f'EUR)*

| Tqassim tal-eżitu tal-2024 | | Baġit (inkl. AB1-5) | Eżitu | Varjazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| **4 0** | **Dħul minn investimenti u kontabilità** | **43 343 107** | **219 127 182** | **175 784 075** |
| **4 1** | **Imgħax tal-inadempjenza** | **5 000 000** | **414 070 684** | **409 070 684** |
| **4 2** | **Multi u penali** | **3 429 217 790** | **4 055 072 417** | **625 854 627** |
| *4 2 0* | *Multi b'rabta mal-implimentazzjoni tar-regoli fuq il-kompetizzjoni* | *2 759 966 510* | *3 876 925 186* | *1 116 958 676* |
| *4 2 1* | *Pagamenti ta' penali u somom f'daqqa imposti fuq Stat Membru* | *392 582 618* | *425 027 787* | *32 445 169* |
| *4 2 4* | *L-imgħax marbut mal-multi u mal-pagamenti ta' penali* | *266 392 350* | *277 051 137* | *10 658 787* |
| *4 2 5* | *Imgħax, imposti oħra dovuti u redditi negattivi dwar multi kkanċellati jew imnaqqsa* | | *-534 433 777* | *-534 433 777* |
| *4 2 9* | *Pagamenti ta' multi u penali oħrajn mhux assenjati* | *10 276 312* | *10 502 084* | *225 772* |
| **Titolu Totali 4 - Dħul finanzjarju, imgħax ta' inadempjenza, u multi** | | **3 477 560 897** | **4 688 270 282** | **1 210 709 385** |

L-ammont globali għat-Titolu 4 jinkludi ammonti li ddaħħlu bħala dħul negattiv fil-baġit tal-2024 f'konformità mal-Artikolu 48(2), il-punt (b) tar-Regolament Finanzjarju, għal total ta' EUR 534.4 miljun. Dan ikopri l-pagamenti magħmula skont ftehimiet bonarji konklużi u mħallsa fl-2024, bħala imgħax kumpensatorju b'rata standard u kumpensi tal-imgħax ta' inadempjenza dovuti lil seba' impriżi, f'konformità mas-sentenza tal-Qorti tal-11 ta' Ġunju 2024 fil-Kawża C-221/22 P Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni, fir-rigward tal-ħlas lura tal-multi tal-kompetizzjoni annullati jew imnaqqsa mill-Qrati tal-Unjoni, kif stabbilit fit-tabella ta' hawn taħt:

| Każ tal-multa – isem il-kumpanija | Sentenza/ Każ/ Referenza ta' soluzzjoni | Ammont imħallas fl-2024 |
|---|---|---|
| Intel Corporation | C(2024) 7789 - saldu | 515 547 908,15 |
| HSBC Continental Europe | C (2024) 8168- saldu | 3 470 878,20 |
| Cargolux Airlines | C (2024) 8961- saldu | 9 167 720,98 |
| Alfa Acciai Spa | C (2024) 8935- saldu | 2 177 207,60 |
| Ferriera Valsabbia S.p.A. u Valsabbia Investimenti S.p.A | C(2024) 8935 - saldu | 3 110 295,82 |
| AB LIETUVOS GELEZINKELIAI | C(2024) 9249 - saldu | 954 307,25 |
| Ferriere Nord | C-31/23 P – dispożizzjonijiet FR 2024 | 5 459,18 |
| | **Total** | **534 433 777,17** |

6. It-tabella ta' hawn taħt tippreżenta tqassim tal-eżitu għall-2024 f'termini ta' implimentazzjoni tal-baġit tan-nefqa għall-istituzzjonijiet kollha:

*(f'EUR)*

| Tqassim tal-eżitu tal-2024 | Baġit (inkl. AB1-5) | Eżitu | Varjazzjoni |
|---|---|---|---|
| **Subtotal tan-Nefqa** | **149 744 313 559** | **149 471 772 478** | **-272 541 081** |
| **Approprjazzjonijiet tal-eżitu awtorizzati fil-baġit** | **149 744 313 559** | **149 666 470 351** | **-77 843 208** |
| — Il-Kummissjoni Ewropea | 144 789 478 943 | 144 755 050 234 | -34 428 709 |
| *Intestatura 1 - Suq Uniku, Innovazzjoni u Aġenda Diġitali* | *20 900 214 848* | *20 891 008 487* | *-9 206 361* |
| *Intestatura 2a - Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali* | *26 492 680 940* | *26 492 552 689* | *-128 250* |
| *Intestatura 2b - Reżiljenza u Valuri* | *9 487 240 081* | *9 486 872 539* | *-367 542* |
| *Intestatura 3 - Riżorsi Naturali u Ambjent* | *56 109 912 207* | *56 102 662 897* | *-7 249 310* |
| *Intestatura 4 - Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri* | *3 261 454 374* | *3 259 659 164* | *-1 795 210* |
| *Intestatura 5 - Sigurtà u Difiża* | *2 083 506 364* | *2 078 863 226* | *-4 643 138* |
| *Intestatura 6 - Il-Viċinat u d-Dinja* | *14 453 653 092* | *14 452 755 403* | *-897 689* |
| *Intestatura 7 - Amministrazzjoni Pubblika Ewropea* | *7 101 665 987* | *7 091 530 325* | *-10 135 662* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Strumenti speċjali tematiċi* | *4 899 151 050* | *4 899 145 503* | *-5 547* |
| — Istituzzjonijiet Oħra | 4 954 834 616 | 4 911 420 117 | -43 414 499 |
| *Il-Parlament Ewropew* | *2 382 263 574* | *2 375 167 078* | *-7 096 496* |
| *Kunsill u Kunsill Ewropew* | *676 881 123* | *652 535 893* | *-24 345 230* |
| *Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea* | *503 782 531* | *498 590 992* | *-5 191 539* |
| *il-Qorti Ewropea tal-Awdituri* | *185 655 890* | *181 501 318* | *-4 154 572* |
| *Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew* | *164 945 524* | *163 650 457* | *-1 295 067* |
| *Il-Kumitat tar-Reġjuni* | *123 178 345* | *123 021 166* | *-157 179* |
| *Ombudsman Ewropew* | *13 667 466* | *13 504 003* | *-163 463* |
| *Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data* | *24 329 460* | *23 361 542* | *-967 918* |
| *Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna* | *880 130 703* | *880 087 667* | *-43 036* |
| **Kanċellament ta' approprjazzjonijiet ittrasferiti 'l quddiem mis-snin preċedenti** | **0** | **-151 063 465** | **-151 063 465** |
| — Il-Kummissjoni Ewropea | 0 | -96 231 813 | -96 231 813 |
| *Kanċellament ta' approprjazzjonijiet mhux użati ittrasferiti 'l quddiem mis-snin preċedenti (skont l-Art. 12(7) tar-Regolament Finanzjarju)* | *0* | *-41 545 794* | *-41 545 794* |
| *Kanċellament ta' approprjazzjonijiet mhux użati ittrasferiti 'l quddiem mis-snin preċedenti (b'mod awtomatiku u permezz ta' deċiżjoni)* | *0* | *-54 686 019* | *-54 686 019* |
| — Istituzzjonijiet Oħra | 0 | -54 831 651 | -54 831 651 |
| *Il-Parlament Ewropew* | *0* | *-25 848 495* | *-25 848 495* |
| *Kunsill u Kunsill Ewropew* | *0* | *-7 732 840* | *-7 732 840* |
| *Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea* | *0* | *-3 883 888* | *-3 883 888* |
| *il-Qorti Ewropea tal-Awdituri* | *0* | *-432 050* | *-432 050* |
| *Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew* | *0* | *-2 110 497* | *-2 110 497* |
| *Il-Kumitat tar-Reġjuni* | *0* | *-823 819* | *-823 819* |
| *Ombudsman Ewropew* | *0* | *-71 295* | *-71 295* |
| *Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data* | *0* | *-569 588* | *-569 588* |
| *Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna* | *0* | *-13 359 180* | *-13 359 180* |
| **Varjazzjonijiet tar-rata tal-kambju fuq in-nefqa** | **0** | **-43 634 408** | **-43 634 408** |

7. L-ammont ta' approprjazzjonijiet tal-baġit ivvutat mhux implimentat mill-istituzzjonijiet kollha kkombinati kien EUR 272.5 miljun. Il-Kummissjoni implimentat 99.98 % tal-approprjazzjonijiet ta' pagament awtorizzati (inklużi r-riporti għall-2025). Is-sottoimplimentazzjoni tal-Kummissjoni kkonċerna ammont ta' EUR 34.4 miljun ta' approprjazzjonijiet ivvotati, kif ukoll EUR 96.2 miljun ta' approprjazzjonijiet riportati mis-snin preċedenti.

8. Bl-istess mod, is-sottoimplimentazzjoni u l-kanċellazzjoni tal-approprjazzjonijiet tal-istituzzjonijiet l-oħra baqgħu baxxi fl-2024.